# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 28**

**It-Tlieta, 30 ta' Marzu 2021**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2021 fl-5.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv



N. G. S. Borg

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 28.1 Talba;

28.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 28.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

28.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 28.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 27 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

28.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

28.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

28.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 28.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

28.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi informa li sar il-ħlas mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali tal-ġabra ta' l-iskart riċiklabbli ta' nhar ta' Tlieta u tal-ħġieġ ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar sa l-aħħar ta' Diċembru 2020.

28.4.2 Rigward il-ktieb *Il-Fontana u Grajjietha Mill-Qedem sa Żminijietna*, s-Sindku informa lill-membri preżenti li nbiegħu ħdax-il ktieb minn żewġ *bookshops*.

28.4.3 Is-Sindku informa li d-deċiżjoni tas-seduta ta' ħruġ tal-permess taċ-Ċentru Ċiviku ġiet posposta minħabba r-raġuni li l-Kummissjoni għad-



N. C.  S. Borg

Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' kienet għadha ma tatx l-*OK* tagħha. Dan issa ingħata u għandha tiġi deċiża fis-6 ta' April 2021.

28.4.4 Is-Sindku informa li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-fond 189/190 Triq il-Għajn k/m Triq ta' Mulejja kienet ġiet sospiża mill-25 ta' Frar 2021 u ingħatat fis-17 ta' Marzu 2021.

28.4.5 Is-Sindku Saviour Borg qal li l-Kunsill awgura lil Mons. Manwel Curmi u lil Dun Ġorġ Vella f'għeluq is-sittin sena tas-saċerdozju tagħhom, kif ukoll ingħataw il-kondoljanzi lis-Sinjura Vitoria Mizzi għall-mewt ta' żewġha Anton Mizzi. Hu fakkar li s-Sinjura Vitorina Mizzi kienet kunsilliera fit-tieni Kunsill Lokali.

28.4.6 Is-Sindku informa li fuq il-website daħħlu l-fuljetti kollha 'Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek' mill-2005 sa llum. Dawn ġew organizzati mill-iskrivan. Issa se jibda' l-proċess biex jidħlu wkoll il-*magazines* li ħarġu mill-ewwel Kunsill Lokali fl-1994 sa Marzu 2013.

28.4.7 Is-Sindku informa li saret *sticker* ġdida għat-tabella tal-konfini li qiegħda fil-bidu tal-Wied tax-Xlendi.

28.4.8 Rigward it-trinka li saret fi Triq John Gaspard Le Marchant fejn kienet issemmiet l-Enemalta, hu qal li jidher li din ma saritx mill-Enemalta. Hu qal li ma nstab l-ebda permess. Mill-kuluri oranġjo u sofor tal-pipijiet li ingħaddew jidher li huma minn ta' xi kumpanija tat-telekomunikazzjoni. Hu qal biex il-Kunsill jikteb lil Transport Malta biex jara x'irid isir billi dawn qabdu u qattgħu mingħajr permess tal-Kunsill parti minn triq ġdida li saret madwar erba' snin ilu u l-bankina għadha miksura. Is-Sur Horace Micallef qal li jikkonferma lis-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien qallu li kien hemm permess. Is-Sindku wieġeb li dan ċempillu s-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tiegħu u qal li jekk ma hemmx fil-file, ma' kienx hemm permess. Is-Sur Micallef qal li jikkonferma dak li qal fil-laqgħa ta' qabel.

28.4.9 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li minħabba urġenza li nqalgħet il-Kunsill xtara l-parti ta' ġewwa ta' żewġ *bins* peress li wieħed li qiegħed fi Triq l-Isptar San Ġiljan marlu l-qiegħ. Hu qal li *s-supplier* talab €65 il-wieħed imma wara insistenza tas-Sindku nġab il-prezz ta' €60 il-wieħed. Hu qal li dawn waslu l-ġurnata ta' qabel. Wieħed tpoġġa dak inhar stess u l-ieħor se jinżamm għalli jista' jinqala.



N. C. S Borg

28.4.10 Is-Sindku qal li l-għatu tal-plastik tal-*culvert* li jifred il-proprjeta' tal-Kunsill mill-proprjeta' tal-Knisja, bix-xemx imbaram u hemm bżonn li jinbidel għax sar perikoluż. Hu ssuġġerixxa li jinxtara tal-metal. Kien hemm qbil.

28.4.11 Is-Sindku Saviour Borg qal ukoll li bħalma sar fis-snin preċedenti, fl-*interviews* tal-iskrivan, bħala membri tal-bord li ltaqa' erba' darbiet, hu u l-Kunsillier Carmel Farrugia ma' ħadu l-ebda ħlas.

28.4.12 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li hemm bżonn isir *refreshing* taż-żebgħa tas-sinjali stradali tat-toroq arterjali u ta' dawk li jaqgħu taħt il-Kunsill. Ser issir talba lid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp biex jintbgħatu il-ħaddiema biex iwettqu dan ix-xogħol. Kien hemm qbil.

28.4.13 Is-Sindku informa li fid-9 ta' April ser ikun hemm laqgħa tar-Reġjun Għawdex mal-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Dr Aaron Farruġia, l-Awtorita' tal-Ippjanar u mas-Sindki Għawdxin dwar l-Iżvilupp eċċessiv u d-Degredament Ambjentali ta' Għawdex. Is-Sindku se jieħu sehem.

## 28.5 Sentenza tal-Qorti tal-Appell dwar il-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq ta' Mulejja

28.5.1 Is-Sindku informa li ngħatat is-sentenza fis-17 ta' Marzu 2021 peress li kienet ġiet posposta mill-25 ta' Frar, u din intrebħet mill-Awtorita' tal-Artijiet u anke l-Kunsill li kien awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawża in statu et terminis. Din il-kawża kienet ilha sittax-il sena sejra, mill-2005. Bħala Kunsill, tefa' s-sentenza fuq il-paġna uffiċċjali tal-Kunsill ta' *Facebook*. Hu qal li l-Qorti tal-Appell dehrilha li l-appellant għandu jeħel id-doppju għax ma' kellux għalfejn jappella mis-sentenza li tat l-Qorti t'Għawdex f'Novembru 2015. Is-Sindku ppropona li kopja tas-sentenza tiġi mdaħħla ma' dawn il-minuti. Hu qal li l-appellant tilef il-kawża bl-ispejjeż kollha. Aktar il'quddiem hemm mozzjoni biex tintalab kemm jista' jkun malajr id-devoluzzjoni ta' dan il-fond. Hu qal li l-intervent tiegħu u tal-Kunsill f'din il-kawża kien ewlieni għax bidel l-andament tal-kawża tant li l-Qorti tal-Appell irreferiet għal diversi drabi għax-xhieda li kien ta hu bħala Sindku fis-sentenza tagħha. Hu qal li dan kollu hu għamlu għall-ġid tal-lokalita' tal-Fontana. Din kienet waħda mill-akbar kisbiet li għamel, kif ukoll meta saru ż-żewġ devoluzzjonijiet l-oħra fejn imbniet is-sala tal-



N. G. S Borg

Komunita', latrini pubbliċi u minn fejn qed noperaw, u l-playingfield ta' fuqhom kif ukoll id-devoluzzjoni tal-fond 191 ta' Triq il-Għajn li twaqqa biex inkixfet parti mill-faċċata tal-Knisja Parrokkjali u sar spazju miftuħ li jaqqgħad il-playingfield maz-zuntier. Din kienet proprjeta' meħudha mill-Gvern għal-skop pubbliku f'Ġunju 1970 u ma ridx li din titlaq għal għand il-privat peress li fl-2003 kien hemm talba biex din il-proprjeta' tinxtara flimkien mal-fond 191 fi Triq il-Għajn minn min kien qed jokkupahom. Kif ukol meta tħabat biex ġew parti mill-konfini li kienu ingħataw lil-lokalitajiet ta' Kerċem u l-Munxar, u meta sar il-monument tas-Sajjieda fl-1998 għax dawn ħadd ma' kien fakkarhom minkejja li kienu ntrabtu b'kuntratt biex jagħtu parti mill-qabda tagħhom tal-ħut biex setgħet tinbeda l-Knisja Parrokkjali, u wara mitt sena il-Kunsill kien fakkarhom. Issa l-pass li jmiss hu li din il-persuna toħroġ minn hemm. Il-Kunsill irid jara xi proċedura jrid ikun hemm biex dan joħroġ. Hu ssuġġerixxa biex jittieħed parir mingħand mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jara għandhiex issir talba ġdida għad-devoluzzjoni jew tiġix attivata t-talba li kienet saret madwar għoxrin sena ilu. Is-Sindku qal ukoll li l-eks Kappillan Mons. Lawrenz Xerri feraħ lilu u lill-Kunsill għal din is-sentenza. Hu qal li dan il-proċess kien bdieh Mons. Xerri meta kien Kapillan, kien tħabat biex tiġi akwistata l-art mill-Gvern ta' madwar il-Knisja biex tintuza għal skop pubbliku, b'hekk illum qed ingawdu l-frott tal-ħidma tiegħu.

## 28.6 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-porvido

28.6.1 Is-Sindku qal li bħalma kienu infurmati l-kunsilliera, l-kuntrattur li ta stima ta' €23 exc VAT biex jitnaddfu l-ħofor ġewwa l-blat irtira għax ġab l-argument li ma' jridx jidħol fuq kuntratturi oħra. Għalhekk ingħatat lil min qed iwettaq ix-xogħlijiet. Hu prezz aktar għoli imma kull ma' kien hemm kien nofs ta' nhar xogħol. Is-Sur J. Grima *archeological monitor* informa lil Kunsill li skond l-SCH trid issir pjanta tat-trinek jew lani għad-dwieli li nstabu u ta' tlett ħofriet li kienu mimlijin bil-ġebel u terrapien. Il-Kunsill ġab stima mingħand il-kumpanija li qed tagħmel ix-xogħol, u l-istima tagħha kienet ta' €500 exc VAT biex isir dan is-survey. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux isib lil xi persuna oħra tagħmel dan is-survey peress li dan il-prezz jidher li huwa għoli. Is-Sur Horace Micallef qal li f'Għawdex tnejn biss hawn surveyors, barra l-kumpanija. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lis-surveyor li kien għamel is-survey ta' dan il-proġett

mitlub mill-Perit tal-Kunsill qabel beda dan ix-xogħol.

## 28.7 Sitwazzjoni tal-belvedere ta' Triq ta' Mulejja

28.7.1 Is-Sindku qal li kif kien hemm qbil, ġie miktub il-protest ġudizzjarju mill-Avukat Camilleri. Qabel ma jiġi ppreżentat il-Qorti t'Għawdex, is-Sindku talab biex jinqara biex kulħadd ikun jaf x'fih u jekk jaqblux miegħu. Is-Sur Horace Micallef qajjem il-punt li sa fejn jaf hu l-Perit Shawn Micallef tqabbad mill-Pulizija u mhux mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku talab biex isir kuntatt mal-Avukat Dr Noel Camilleri biex jivverifika. Wara kuntatt telefoniku li sar mal-Avukat u wara li ġie ċċekkjat ir-rapport ta' l-istess Perit, kien jidher ċar li l-Perit Shawn Micallef ġie mqabbad mill-Pulizija. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex jittranġa din il-parti fil-protest ġudizzjarju u jiġi ppreżentat il-Qorti.

## 28.8 Ħruġ ta' Offerti

28.8.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn li toħroġ l-offerta għal-*Accountant* tal-Kunsill minħabba l-fatt li din se tagħlaq f'Mejju li ġej. Hu qal ukoll li issa la darba s-Segretarju Eżekuttiv huwa full-time u għanda skrivan part-time, l-*inputting* fis-*sage* jista' jsir min-naħħa tiegħu. Hekk il-Kunsill jiffranka xi ħaġa tal-flus. Is-Sindku qal li s-Segretarju tgħallem u se jibda' jagħmilhom hu. Kien hemm qbil li toħroġ din l-offerta.

28.8.2 Rigward is-servizz tal-*bulky refuse*, is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux joħroġ offerta jew jibqa' għaddej kif inhu. Is-Sindku staqsa xi prezzijiet qed jintefgħu dan l-aħħar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa fejn jaf hu l-prezzijiet qed ikunu ogħla, imma dejjem x'skond kif toħroġ l-offerta. Is-Sindku qal li f'sena l-Kunsill jonfoq madwar €2000 f'servizz ta' ġbir ta' *bulky refuse*. Is-Sur Horace Micallef staqsa kemm jonfoq il-Kunsill fix-xahar bejn wieħed u ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill f'xahar jonfoq madwar €165. Kien hemm qbil li għalissa tibqa' pendenti u ma tinħariġx l-offerta.

## 28.9 Mozzjonijiet

28.9.1 Is-Sindku Saviour Borg ressaq mozzjoni, ssekondata mis-Sur Carmel Farrugia:



N.C. S. Borg

Wara li fis-17 ta' dan ix-xahar il-Qorti tal-Appell tagħat is-sentenza dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja fejn il-Kunsill Lokali tal-Fontana kien intervjena fil-kawża "Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet", illum l-Awtorita' tal-Artijiet. Peress li l-appellant is-Sur Anthony Cassar tilef il-kawża bl-ispejjeż b'kollox, il-Kunsill għandu jitlob lil-Awtorita' tal-Artijiet biex terġa tiġi attivata kemm jista' jkun malajr l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' dan il-fond li kienet saret lid-Dipartiment tal-Artijiet, illum l-Awtorita' tal-Artijiet biex jkun jista' jkompli il-bini tal-aħħar parti taċ-Ċentru Ċiviku, u li jikkonsisti fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill u l-bejt spazju miftuħ li jkompli jaqqgħad iz-zuntier mal-"Playingfield" għal-ġid tar-residenti tal-Fontana u kull min jagħmel użu minnhu.

Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq din il-mozzjoni. Is-Sur Horace Micallef qal li kieku hu jagħmel emenda żgħira u jdaħħal biex il-Kunsill jitlob biex il-persuna tiġi żgumbrata mill-aktar fis possibbli. Is-Sindku qal biex ninfurmaw lil Avukat x'irid isir biex din is-sentenza tiġi nfurzata u staqsa mistoqsija li jekk dan ma joħrogx, jiġi disprezz tal-Qorti jew qed jistenna li tintbagħtlu xi ittra imbagħad imexxu. Is-Sindku qal li dawn kienu jibgħatulu għall-flus u imbagħad ma' jaċċettawhomx. Is-Sindku talab ukoll biex din is-sentenza tiġi mehmuza ma' dawn il-minuti. Is-Sindku talab biex isir kuntatt telefoniku ma' l-Avukat Dr Jean Paul Grech biex jara eżatt x'inhi l-proċedura biex din il-persuna toħroġ minn hemm. Dr Grech qal li l-Awtorita' tal-Artijiet għandha tieħu azzjoni abbażi tas-sentenza li ngħatat biex jiġi żgumbrat għax l-mandat ta' inibizzjoni li kienet għamel is-Sur Cassar tilef l-effett tiegħu. Is-Sindku Saviour Borg staqsa jekk l-Awtorita' tal-Artijiet ma' jmexxux u din il-persuna tibqa' hemm, dan ikun disprezz tal-Qorti? L-Avukat wieġeb li le, hija kwistjoni li tiġi esegwita s-sentenza. L-Avukat qal li ma' jistax isir mandat ta' żgumbrament minħabba l-fatt li m'hemmx devoluzzjoni. L-Avukat issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Awtorita' tal-Artijiet biex jittieħdu l-passi meħtieġa skond is-sentenza u imbagħad issir it-talba għad-devoluzzjoni. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex l-Avukat jikteb lill-Awtorita' tal-Artijiet.

**28.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;**

28.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellu komunikazzjoni mad-Direttur



N.C. S.Borg

ta' Eko Għawdex rigward it-talba li l-Kunsill għamel biex jiġi rijabilitat il-Wied tas-Saqwi. Id-Direttur se jkun qiegħed jagħmel laqgħa fuq il-post u jinforma lil Kunsill.

28.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti fuq proposta tas-Sindku biex l-iskrivan il-ġdid jidħol fil-polza ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa u fil-polza Personal Accident. Kien hemm qbil.

28.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-Dipartiment ħallas l-ammont tal-ġabra riċiklabbli u dik tal-ħġieġ sa Diċembru 2020. L-ammont kien dak ta' €2,643.20.

28.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva l-ħlasijiet tal-borża organika mingħand il-WasteServ minn Settembru 2019 sa Ġunju 2020. L-ammont kien ta' €11,600.

28.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva l-kuntratti tad-devoluzzjoni mingħand is-Sa. C. Fenech tax-xelter, ta' l-Għajn il-Kbira u l-Għajn ta' Bendu. Is-Sindku wieġeb li tax-xelter u Għajn il-Kbira huma tajbin. Fil-pjanta tal-Għajn il-Kbira iddaħħlet ukoll l-art tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Dwar l-Għajn ta' Bendu ma hiex immarkata fuq il-pjanta peress li l-Awtorita' tal-Artijiet użat il-pjanta fejn intalbu d-devoluzzjoni tal-bankini fi Pjazza l-Għejun u l-Belvedere ta' Triq Għajn Tuta s-sena l-oħra barra li kien hemm id-dettalji tar-residenza tas-Segretarju Eżekuttiv ħażin għax nforma lis-Sinjura Fenech li jirrissjedi Victoria minflok Għajnsielem. Is-Sindku talab biex nerġgħu nfakkruha biex isir it-tibdil meħtieġ u jista' jsir l-iffirmar ta' dawn il-kuntratti li d-devoluzzjoni tagħhom mil-Awtorita' tal-Artijiet saret fid-9 ta' Marzu 2018.

28.10.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li ftit qabel il-laqgħa rċieva talba għal permess mill-Kuntrattur Road biex isir *resurfacing* li skond is-site plan mehmuża hi ta' Trejqet wara l-Idjar u parti minn Triq Għajn Tuta u mhux Triq ta' Mulejja. Is-Sindku wieġeb li l-Ministeru għal Għawdex seta' għarraf lil Kunsill qabel. Hu qal li bħala Kunsill kien talab lil Ministeru għal Għawdex diversi drabi matul is-snin biex isir ir-*resurfacing* ta' din it-trejqa. Huwa flimkien mal-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni biex isir dan ix-xogħol għalhekk għandu joħroġ il-permess mitlub.

28.10.7 Korrispondenza mingħand il-Perit J. Camilleri mingħand il-kumpanija



N. C.

S Bor

RCCL rigward stima ta' €500 exc VAT ta' survey rikjest mill-SCH biex jiġu nklużi l-ħofor fil-blat u toqof tal-lani tad-dwieli. Kien hemm qbil li tinġab stima oħra.

28.10.8 Ċirkulari AKL 2021/20 – *Webinar – Supporting Children & Youths within our localities 25/03/2021.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li attenda għal dan il-Webinar. Hu qal li kien maqsum f'ħames sezzjonijiet u ħadu sehem l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal, l-ADHD Malta, l-Aġenzija Appoġġ, Aġenzija Żgħażagħ u r-Richmond Foundation.

28.10.9 Ċirkulari AKL 2021/017 – Kollaborazzjoni bejn Kunsilli Reġjonali / Kunsilli Lokali u Eko Skola. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.10 Ċirkulari AKL 2021/018 bis-suġġett *CoR* – Tnedija tal-programm YEP 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.11 Ċirkulari AKL 2021/019 *Webinar AKL – Better Local Environment for Better Living.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li attenda għal dan il-webinar li sar fl-10 ta' Marzu 2021. Kien maqsum f'erba' sezzjonijiet u matulu ħadu sehem in-*Nature Trust Malta*, l-*Green Island Malta*, l-*Community Organic Gardens* u l-*Friends of the Earth Malta*.

28.10.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta email (kopja mehmuża) mibgħuta mill-Kappillan tal-Parroċċa l-Kanonku Simon Mario Cachia. Is-Sindku talab biex tinqara din l-email li nqrat mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux jidħol f'polemiki iżda din l-ittra trid tiġi diskussa biex tingħata tweġiba kif mitlub mill-istess Kappillan. Is-Sindku qal li dan kollu ġara meta wara li sar xi xogħol ta' l-irħam fit-tarag taz-zuntier mill-Parroċċa, tar ħafna trab fuq il-bankijiet u fuq il-porvido tal-bankina ta' quddiem il-Knisja. Hu qal li wara li kienet għaddiet ġimgħa u kien għadu ma tnaddafx, is-Segretarju Eżekuttiv ġentilment ċempel lil Kappillan biex kif kienu qed inaddfu l-voluntiera tal-Knisja, jnaddfu wkoll dawn il-bankijiet u l-bankina. Wara xi siegħa l-Kunsill irċieva din l-email. Sar qbil li l-Kunsill japprezza x-xogħol tar-restawr li sar imma ma jfissirx li ma jsirx it-tindif fejn ikun tlesta x-xogħol. Is-Sindku staqsa jekk lill-Awtoritajiet Ċivili u Ekkjeżjastiċi tal-pajjiż jinkitbulhomx ittri bħal dawn. Huwa qal, li dan huwa l-grazzi tal-proġett tat-tisbieħ bil-porvido ta' madwar €120,000 li l-Kunsill qed iwettaq mad-dawra tal-Knisja minnflok l-art tal-konkos li kien hemm, kif ukoll meta ngħatat s-sala tal-Kunsill mingħajr ħlas meta



N. C. S Bo

kien hemm il-pussess tal-Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana f'Novembru 2019, kif ukoll l-għajnuna li ta l-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu kull meta seta' u skond il-liġi. Rigward il-grif żgħir li sar mal-ħajt tas-Sangristija tal-Knisja mill-kuntrattur, il-Kunsill bagħat email lill-kuntrattur biex jieħu ħsieb li jsewwi dan il-grif u ma ssirx aktar ħsara waqt ix-xogħol. Rigward l-użu ta' ritratt ta' pittura mill-Knisja fil-faċċata tal-fuljett 'Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek' li ħareġ f'Jannar li għadda, bħalma sar għal diversi drabi mill-2005 il'hawn, ħadd mill-Kappillani preċedenti ma' sab oġġezzjoni matul dawn is-snin kollha. Kien ikun aħjar li l-Kunsill kien ġie infurmat is-sena l-oħra meta l-Kunsill uża ritratt tat-Trasfigurazzjoni fil-ħarġa ta' Jannar 2020, li jinsab fl-istess Knisja, dan meta kien diġa l-istess Kappillan. Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-ilment u mhux se juża aktar ritratti li jinsabu fil-Knisja Parrokkjali. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jimxi b'dan l-argument tal-Parroċċa li ma għandhux ikun il-każ min-naħa tal-Kunsill, min ta l-permess lill-Parroċċa biex jużaw l-isem ta' l-Għajn il-Kbira li huwa isem ċivili fir-rivista li l-Parroċċa toħroġ ta' kull sena, u li l-Kunsill ilu jieħu ħsiebha permezz ta' restawr sa mit-twaqqif tiegħu u li fuq kollox f'dawn l-aħħar snin ġiet devoluta lilu. Il-Kunsill qatt ma kiteb ittri biex joġġezzjana għal dawn l-affarijiet. Rigward ir-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl, ir-risposta tal-Kappillan dejjem kienet li hu se jkompli jiġri wara l-Perit biex isir il-*method statement*. Dan kien reġa' kkonfermaħ fil-preżenza tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv meta żar l-uffiċċju tal-Kunsill xi ftit tax-xhur ilu. Is-Sindku qal li dawn l-istatwi skond l-istoriku Dr Joseph Bezzina saru fl-1695 minn Giovanni Barbara, għalhekk kellu jsir restawr professjonali u bil-permessi meħtieġa. Dan peress li meta sar il-*method statement* tal-Knisja, dawn l-istatwi ma' kienux imdaħħlin, biex isir restawr fuqhom. U dejjem bqajna li l-Perit li jagħmel l-applikazzjoni tar-restawr tal-Knisja, irid jagħmel il-*method statement* permezz ta' emenda lil Awtorita' tal-Ippjanar. Hu qal li ma' jistenniex ittri bħal dawn għax il-Kunsill talab biex tittnaddaf xi ħaġa biex il-lokalita' kemm jista' jkun tinżamm nadifa. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk din l-email nbagħtitx għax il-Kunsill qallhom biex inaddfu. Is-Sindku wieġeb li iva. Barra minhekk ftit qabel li l-Kunsill ircieva din l-email ġiet persuna li taħdem fil-parrocca li mhix saċerdot u infurmat lill-iskrivan li jekk il-Kunsill se jimxi mal-parroċċa hekk, il-parroċċa se timxi hekk mal-Kunsill. (Dan għax intalab biex jitnaddaf it-trab li kien hemm fuq il-bankijiet u l-bankina). Il-Kunsill qabel li jwieġeb l-ittra kif mitlub mill-Parroċċa b'dawn il-punti.



N.C. SBez

28.10.13 Korrispondenza mingħand id-Direttur Moniteraġġ u Sapport tal-Gvern Lokali s-Sur C. Galea rigward id-Direttiva 13.3 maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni bis-suġġett Corona Virus. Din tgħid li s-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-Sindku/President jistgħu jagħmlu pjan sabiex kull xogħol li jista' jsir bit-teleworking isir hekk. Madanakollu tali arranġament għandu jassigura li x-xogħol u s-servizz lill-klijenti jibqa' konsistenti f'kull ħin u jittieħdu l-miżuri kollha ta' prewkazzjoni kontra l-imxija u t-tixrid tal-Corona Virus. Is-Sindku wieġeb li s-sena li għaddiet kien hemm kunsilli li għalqu. Hu qal li l-Kunsill tal-Fontana baqa miftuħ normali u baqa' jagħti s-servizz normali lir-residenti.

28.10.14 Korrispondenza mill-Planning Authority rigward PA/2654/20 – 190/191, Triq tal-Għajn c/w, Triq ta' Mulejja, Fontana. To demolish existing building and to construct the remaining part of Fontana Local Council office building at ground floor level and public open space above. Din il-korrispondenza kienet tgħid li l-permess għandu joħroġ fis-sessjoni tas-6 ta' April 2021. Is-Sindku wieġeb li s-sessjoni tad-9 ta' Marzu 2021 saret onlajn u attenda għaliha s-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li l-ntop li kien hemm mas-CRPD waqa' u l-permess issa għandu joħroġ fis-6 ta' April. Hu qal li l-Awtorita' tal-Ippjanar tat kumment ġust li billi dan hu proġett mibdi, ma' jistax ma' jitkompliex, kif kienet għamlet il-proposta is-*Supretendence of Cultural Hertiage.*

28.10.15 Direttiva 1/2021 – Proċedura ġdida dwar l-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali. Din tgħid li b'din id-direttiva l-għażla ma' tkunx limitata biss għall-pool, imma s-sejħa tkun miftuħa wkoll għall-uffiċjali pubbliċi u persuni barra mis-Servizz Pubbliku, sakemm dawn ikollhom il-kwalifiċi meħtieġa. Is-Sindku wieġeb li hu jaqbel ma' din id-direttiva u messha ilha li saret. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.16 Korrispondenza mis-Sur G Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, it-tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Aaron Farrugia, nhar il-Ġimgħa 9 ta' April 2021. Dwar il-punti ta' diskussjoni il-Sindku ppropona li: jsiru proposti biex tiġi mħarrsa l-*iskyline* tal-lokalita', speċjalment il-veduta tal-Knisja Parrokkjali mit-triq tax-Xlendi, ma' jmurx jitla xi monstru ieħor ta' bini u tingħatta din il-veduta; li qed joħorġu permessi fejn sidien ta' pannelli solari jaraw l-investiment tagħhom jisfa fix-xejn minħabba bini għoli maġenbhom; li kull flat fi blokka jrid ikollu *parking space* għalih mhux

*parking spaces* jinxtraw minn sid wieħed biex isir garaxx bħalma ġara f'dawn l-inħawi, biex ma' jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti tat-triq; ma' jingħatawx permessi ODZ speċjalment f'siti ta' Natura 2000; li qed isir żvilupp u sfrenar bla rażan speċjalment fuq l-irdumijiet; li l-planning gains għandhom jiġu utilizzati mill-Kunsilli Lokali biss; u l-*local plans* għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali l-ewwel għax huma r-rappreżentant tal-lokalita'. Kien hemm qbil li jitressqu dawn il-proposti

28.10.17 Ċirkulari AKL 2021/021 – Sezzjonijiet ta' taħriġ organizzati mill-AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.18 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett It-Tieni Fażi – Konnessjonijiet diġitali tad-data ġodda pprovduti mill-MITA, biex is-sistema tal-komputers tal-Kunsill jingħaqda mal-*magnet* tal-Gvern. Il-Kunsill qabbad lis-Sur Jean Paul Cefai biex jagħmel dak kollu meħtieġ biex issir din il-migrazzjoni.

28.10.19 Korripondenza mill-Planning Authority bis-suġġett *Planning Authority- Have your say – Development Notification (Amendment) Order, 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.20 Ċirkulari AKL 2021/023 – UKNSF (UK National Support Fund Malta). Is-Sindku wieġeb li din minħabba li l-Ingilterra ħarġet mill-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.21 Korrispondenza mid-Direttur tal-Gvern Lokali għall-Moniteraġġ u Sapport bis-suġġett *Contracts Manager Data*. Il-Kunsill qabel li bħalma sar qabel, jinħatar l-iskrivan bħala *Contracts Manager* tal-Kunsill.

28.10.22 Korrispondenza mill-WasteServ – *Agreement for the Collection of Household Organic Waste between WasteServ Malta Ltd and Fontana Local Council – Contract no. 505*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġie ffirmat il-kuntratt dwar ir-rimborz tal-ġabra organika mal-WasteServ.

28.10.23 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li deher ritratt tal-mudell ta' Tagliaman mogħti mis-sur Anton Cordina lill-Kunsill, mis-Sur Charles Spiteri li hemm fl-uffiċċju tal-Kunsill fuq il-gazzetta lokali *The Times of Malta* ta' l-24 ta' Marzu 2021.



N. C. S. Borg

28.10.24 Korrispondenza mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.25 Korrispondenza mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Laqgħa dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li attenda għal din il-laqgħa li saret onlajn fis-16 ta' Marzu 2021. Hu qal li d-diskussjoni kienet fuq is-sejħa għall-offerti fuq l-immaniġġjar ta' l-iskart fuq bażi reġjonali. Dan minħabba obbligu lejn l-Unjoni Ewropea u minħabba emendi fil-liġi. Intqal li jekk imur kollox skond kif pjanat it-tender se joħroġ f'Jannar 2022 u l-kuntratt isir f'Settembru / Ottubru 2022. Is-Sindku staqsa min se jagħti l-ordni u jħallas lil kuntrattur. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill Lokali xorta se jirċievi l-flus u imbagħad jingħaddu lir-Reġjun Għawdex. Is-Sindku wieġeb li t-tender li għandu bħalissa l-Kunsill qiegħed għal sena imma jista' jibqa' jiġġedded sakemm joħroġ.

28.10.26 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Camilleri mill-Ministeru għal Għawdex bis-suġġett *Roadworks update*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsll rega' bagħat *reminder* minħabba l-laqgħa li għandha ssir mal-Ministru għal Għawdex u l-kuntrattur. Hu qal li d-Direttur Ġenerali V. Xuereb infurmat li se torganizza din il-laqgħa fil-jiem li ġejjin.

28.10.27 Korrispondenza mis-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett SPI.SCI.2.2021 Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill irrisponda għal din il-korrispondenza, li se japplika għal din l-iskema. Is-Sindku wieġeb li biex isir dan ix-xogħol m'hemmx bżonn permessi imma permess ta' DNO biżżejjed, barra minn hekk il-Perit G. Vella daħlu fl-applikazzjoni tat-tiġdid tal-permess taċ-Ċentru Ċiviku.

28.10.28 Ċirkulari AKL 2021/024 – *Online Team Building*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.29 Ċirkulari AKL 2021/025 – *Mental First Aid*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.30 Korrispondenza mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *Housing Authority/Lands Authority – Cheques no longer accepted*. Il-



N.L.

S.Borg

Kunsill innota l-kontenut.

28.10.31 Korrispondenza mis-Sur R. Said bis-suġġett *Road Closure Permit Update.* Din il-korrispondenza tgħid li la darba l-iskejjel huma magħluqin permessi ta' għeluq ta' toroq jistgħu jsiru minn kmieni filgħodu. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti u lill-pubbliku inġenerali permezz ta' avviż fuq *Facebook* meta tkun se tingħalaq xi triq. Is-Sur Horace Micallef qal biex il-Kunsill joqgħod attent minn x'ħin jagħti l-permess biex ikun laħaq għadda il-kuntrattur taż-żibel. Kien hemm qbil fuq dawn il-proposti.

28.10.32 Korrispondenza mingħand il-Perit J. Camilleri mill-RCCL rigward stima ta' €49.56 is-siegħa ħabba xogħlijiet ta' tindif ta' toqob fil-blat permezz ta' *small excavator* kif rikjest mill-SCH. Is-Sindku Saviour Borg qal li kif kien hemm qbil minn kulħadd il-Kunsill qabbad lil-istess kuntrattur biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet, peress li l-kuntrattur l-ieħor m'aċċettax li jidħol fuq il-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħlijiet.

28.10.33 Ċirkulari AKL 2021/27 – Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' *charging pillars*. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn jiġu nstallati fit-tarf ta' Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, fi Triq il-Għajn k/m Triq il-Qalb ta' Ġesu', fil-bidu ta' Triq ta' Mulejja k/m Triq il-Għajn, ftit l-isfel minn Pjazza l-Għejjun u fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili. Kien hemm qbil.

28.10.34 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Gatt bis-suġġett Aġġornar tal-Listi tat-toroq tal-Kunsilli Lokali minħabba t-tħejjija tad-dokument tas-sejħa għall-offerti għall-ġbir tal-iskart fuq bażi reġjonali. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li t-Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan li huma toroq arterjali għal xi raġuni mhumiex imdaħħlin. Hu informa lil Kunsill mit-twaqqif tiegħu dejjem ġabar l-iskart ta' dawn it-toroq għalhekk ma' jagħmilx sens li ma jkunu mdaħħlin fl-offerta. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jibgħat kjarifika fuq dawn biex jiġbed l-attenzjoni dwar dan in-nuqqas. Jekk ma jidħlux fl-offerta ser tinħoloq problema li ma' jingabarx l-iskart tar-residenti li joqgħodu fihom.

28.10.35 Korrispondenza mingħand is-Sa. J. Abdilla mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Case 81/2021 – Maintenance Agreement tal-PC/Laptop għar-residenti. Din il-korrispondenza tgħid li d-diviżjoni ġiet notifikata illi diversi Kunsilli Lokali qegħdin joffru s-servizz ta' maintenance fuq il-PC/Laptop mingħajr ħlas lir-residenti.



N.C.

S Borg

Il-Kunsill Lokali qed jiġu notifikati li tali funzjoni mhix fir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali u għalhekk ma' jistgħux jintefqu fondi pubbliċi mill-Kunsill Lokali għal dan il-għan. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.36 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Galea, Direttur Moniteraġġ u Sapport, Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Case 81/2021 – Maintenance Agreement tal-PC/Laptop għar-residenti. Din il-korripondenza tgħid li wara li ġiet evalwata mill-ġdid din il-komunikazzjoni, qed jiġi komunikat illi tali akkwist jista' jitqies bħala servizz komunitarju fejn il-Kunsill Lokali jrid jagħti prijorita' lil persuni l-aktar li huma vulnerabbli fis-soċjeta'. Madanakollu, l-akkwist ta' dan is-servizz irid dejjem jiġi akkwistat skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.37 Ċirkolari AKL 2021/26 – *Update of Application – Active Ageing and Community Care*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.38 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Performance Bonus ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat.

28.10.39 Korrispondenza mingħand is-Sur D. Cilia bis-suġġett *New Press Release*. F'din il-korrispondenza s-Sur Cilia qed jissuġġerixxa biex tinħareġ stqarrija mill-Kunsilli Lokali, biex jiddefendu lil Għawdex mill-ħafna żvilupp. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.40 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Cachia mill-*eSkills Malta Foundation* bis-suġġett *Event – Digital skills for a conscious and active use of digital technologies.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.41 Ċirkulari AKL 2021/28 bis-suġġett *Understanding Dementia Mentor Aid Session 14/04/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.42 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *Attn: Urbact NUPs Beneficiaries Survey Deadline – Wednesday 31st March 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.43 Korrispondenza minn PA rigward Applikazzjonijiet Nru PA/01492/21, PA/01754/21 u PA/06898/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.44 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-



N.C. S.Bo

suġġett Sejħa għall-Vakanza għall-Post ta' Reġistratur Tribunal – Reġjun Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.45 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Busuttil rigward applikazzjoni mis-Sa. P. Attard għal 1.5 Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay fi Triq John Gaspard Le Marchant, Fontana. Is-Sindku wieġeb li qabel xejn il-Kunsill irid jivverifika applikatx għal sinjal ta' 1.5 Keep Clear Bay jew hux għal Reserved Parking Bay. Is-Sindku qal li hemm ukoll l-indirizz ħażin, it-triq ġiet imniżżla Triq John Chapeau De La Merhou. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jimxi ma' kulħadd l-istess u jekk applikat għal Reserved Parking Bay u għandha l-garaxxijiet, din l-applikazzjoni ma' tiġix milqugħa għax lil ħaddieħor ma' ħallejnihx jagħmel. Jekk applikat għal sinjal ta' 1.5 Keep Clear Bay, dan b'xi mod jingħata avolja għandha bankina wiesa madwar tlett metri quddiem il-bieb tad-dar. Kien hemm qbil.

28.10.46 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Busuttil rigward applikazzjoni minn Fr S. Tabone għal 1.5 Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay fi Triq Ta' Mulejja, Fontana. Is-Sindku wieġeb li din hi l-istess talba li kien ressaq hu aktar kmieni din is-sena għal talba ta' 1.5 Keep Clear Bay u li kien hemm qbil fuqha. L-applikant kien applika ukoll biex ikollu l-*Blue Badge.*

28.10.47 Korrispondenza mingħand is-Sa. T. Cutajar mill-Universita' ta' Malta rigward kampanja ta' reklamar dwar korsijiet mill-Fakulta' għat-Tisħiħ tas-Soċjeta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.48 Korrispondenza mingħand is-Sur S. Flores bis-suġġett - Fondi - Proġetti fil-komunitajiet. Is-Sindku talab biex tintbagħat lill-kunsilliera biex wieħed jara l-Kunsill x'jista' japplika.

28.10.49 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif kien qbil mill-membri preżenti fl-aħħar laqgħa l-Kunsill bagħat il-*Purchase Order* lil biex jinxtara l-apparat tal-logħob għal *playingfield* minflok dik li hemm eżistenti.

28.10.50 Ċirkulari AKL 2021/030 bis-suġġett Planning Authority EAPPS. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.51 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Aquilina bis-suġġett *Walking Routes/Heritage Trails.* Is-Sindku wieġeb li bħalissa l-Kunsill m'għandux mapep ta' *heritage trails*; meta jkollu ngħadduhom.



N.C. S.Bg

28.10.52 Ċirkulari AKL 2021/029 – Ħlasijiet Pendenti – Borża Organika. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.53 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett *Student Placement Programme 2021*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.54 Korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar bis-suġġett *PA/02654/20 190, 191, Triq tal-Għajn c/w, Triq ta' Mulejja, Fontana – To demolish existing building and to construct the remaining part of Fontana Local Council Office Building at ground floor level and public open space above* – Notification of Development Permit Application Report and Commission Meeting Date. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.55 Ċirkulari AKL 2021/031 bis-suġġett Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 43. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.56 Ċirkulari AKL 2021/032 bis-suġġett AKL Webinar – Infrastructure – The Future of our localities 15/04/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.57 Korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar bis-suġġett *Planning Authority Notice: Easter Shut down*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.58 Korrispondenza mingħand is-Sur Y. Magro mill-Gozo Action Group Foundation bis-suġġett *Well-Being from Nature*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.59 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Sammut mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *Hoisting of national flay on public builidings – Good Friday and Saturday.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

28.10.60 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *sketch* ta' fanali bi tlett globi għal fuq iz-zuntier. Peress li huma twal ħafna il-Kunsill qabel li joħroġ l-offerta għal ta' bi tnejn.

## 28.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

28.11.1 Is-Sur Horace Micallef talab biex isir *bin* fil-parti t'isfel ta' Wied Siekel. Is-Sindku wieġeb li jrid isir f'post fejn ma' jilħqux il-wied meta jinżel ħafna ilma. Hu qal jara għandux xi wieħed fl-*istore*. Il-Kunsill qabel li



N.C. S.Borg

jitwaħħal wieħed.

28.11.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab biex fi Triq Għajn Tuta fejn hemm is-sinjali tal-*parkings*, issir tabella *Parking within the lines only* għax qed ikun hemm karozzi jipparkjaw bl-addoċċ. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jibgħat talba lil Transport Malta.

**28.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

28.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 21/2021 għall-perjodu bejn it-23 ta' Frar 2021 u d-29 ta' Marzu 2021 li tammonta għal €11,516.26 ġiet approvata u ffirmata.

**28.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

28.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.20 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu bejn il-membri ġiet aġġornata għal-Ħamis, 29 ta' April 2021 fil-5.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 29 ta' April 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv



N.G. S Borg